**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2761**

**Kaz Numru: 3551/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Sylvia Bartolo (ID 314280M) u**
**Mireille Gheiti (ID 298982M)**

**vs**

**Actavis Limited (C2867)**

*dwar : allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum it-Tnejn 27 ta' Settembru, 2021**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datat 28 ta' April 2017 minn Dr Carina Testa fejn talbet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.

Sylvia Bartolo u Mireille Gheiti kienu rrizenjaw u qeghdin jistennew li jiehdu somma ta' *notice money* u ta' dan qed ihossu li gew iddiskriminati talli ma nghatalhomx.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz u Provi**

Xehdet Mireille Gheiti fejn qalet bil-gurament li kienet impjegata ghal dawn l-ahhar sittax -il sena. Gew informati li minn erba' *shifts* kienu ser inaqqsuha ghal tlett *shifts*. Offrew li jcedu posthom ghax ix-xoghol naqas. Il-Manager tal-Packaging infurmatha sabiex tirrizenja wkoll. Kellmitha certu Claire Agius tghid ukoll li kien hemm hafna pressjoni fuqhom u dan

minkejja li ma kienx hemm ftehim mal-General Workers' Union. Infurmat it-Tribunal li sabiex isalvaw tlieta u tletin haddiema kellhom jirrizenjaw zewg haddiema ohra u xorta jiehdu l-pakkett. B'hekk irrizenjat u ma hadet xejn. Mistoqsija ghaliex hassitha ddiskriminata x-xhud qalet li l-ohrajn hadu kumpens min telaq qabilha ossia min telaq warajha u ghalhekk hi ma hadet xejn.

Xehdet Sylvia Bartolo fejn bil-gurament taghha qalet li kienet ilha erba' snin fil-kariga ta' Packaging Operator. Bdiet is-sistema ta' *three shifts* minflok *four shifts*. Infurmat it-Tribunal li l-impjegati l-ohrajn hadu kumpens. Qalet ukoll li kieku tawha l-flus kienet tiehu xi sebat'elef euro (7,000).

Xehed Patrick Cachia li bil-gurament qal li hu Direttur fil-kumpanija u fl-2016 kienu bdew bil-problemi ghax ix-xoghol kien naqas u kellu jirrilaxxja xi haddiema. Sa Novembru ma kienx hemm ftehim mal-Union. L-impjegata Mireille telqet minn rajha ghax ma kinitx impattata mid-decizjoni.

Xehed Josef Bugeja rapprezentant tal-GWU fejn bil-gurament qal li meta r-rikorrenti tefghat ir-rizenja hu ma kien jaf xejn u li ma kienx hemm ftehim bil-miktub qabel ma rrizenjaw.

Xehdet Kim Spiteri u li kienet Senior HR Manager fejn qalet li ser tipprezenta rapport ghall-*meetings* li kienet prezenti.

Regghet xehdet Mireille Gheiti fejn qalet li meta tat ir-rizenja nfurmawha li kienet *safe* u kienet ser tiehu l-pakkett.

Xehed Natalino Mifsud l-ex HR Manager qal li l-ewwel naqqas ix-*shift* minn erbgha ghal tlieta minhabba nuqqas ta' xoghol. Qal ukoll illi z-zewg rikorrenti rrizenjaw mal-ewwel. Qal ukoll li meta r-rikorrenti kienu gew jaghtu r-rizenja qalulhom li ma kien hemm xejn garantit u mhumiex dovuti l-pakkett ghax hemm differenza bejn *redundancy* u rizenja.

Regghet xehdet Kim Spiteri fejn spjegat ir-rapport taghha u qalet li kienu ghaddejjin id-diskussjonijiet mal-Union.

Rega xehed Natalino Mifsud fejn qal illi t-terminu ghad-diskussjonijiet skadew u wara marru konciljazzjoni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jghid li r-rikorrenti kienu mghagglin sabiex jirrizenjaw. Seta' li kellhom xi ragunijiet fosthom li wahda kienet ghadha kif kellha tarbija u l-ohra kellha xi ezami. Jista' jkun ukoll li kien hemm xi pressjoni da parte tal-Management sabiex jirrizenjaw. Li hu zgur li ma hadux parir mill-Union jew xi Avukat. Hassew li kellhom jaghtu rizenja meta ma kien hemm xejn konkluz. It-Tribunal ihoss li din il-mossa kienet kemm xejn irresponsabbli. Min-naha l-ohra ghandu jirrizulta illi l-Management tal-kumpanija dejjem qalu li ser jaghtu r-*redundancy packet* ghal tlieta u tletin haddiem, xi haga li l-Management ma tistax tivvinta l-Ligi, kif ukoll li min ser jirrizenja jrid isalva xi haddiem iehor. It-Tribunal ma jistax jifhem dawn il-kundizzjonijiet specjalment meta hemm il-Ligi. Wiehed jista' jinnegozja pero' wiehed ma jridx jinsa s-snin ta' servizz li certi haddiema taw lill-kumpanija.

It-Tribunal qieghed jaghmilha cara li mhux ser jiddeciedi dan il-kaz fuq jekk huwa dovut is-servizz jew le imma jekk kienx hemm diskriminazzjoni.

It-Tribunal huwa tal-fehma li kien hemm diskriminazzjoni anzi diskriminazzjoni lampanti. Hemm il-Ligi u l-Management ma jistax jivvinta kundizzjonijiet li jnehhi d-drittijiet ta' ohrajn ghax hekk jahseb jew li jiddetta illi jrid isalva xi haddiema ohra sabiex jiehu l-pakkett.

Il-Management agixxa b'mod diskriminatorju. Minhabba l-agir prematur tar-rikorrenti pero' dan it-Tribunal qieghed jordna lis-socjeta' ntimata thallas is-somma ta' sitt elef ewro (6,000) ghal kull rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta' ntimata.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-*istatements* u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati, ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-sottomissjonijiet, jiddeciedi billi jilqa t-talba tar-rikorrenti, jiddeciedi li hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti mis-socjeta' ntimata, u jordna lis-socjeta' ntimata

l-hlas tas-somma ta’ sitt elef ewro (6,000) ghal kull rikorrenti bl-ispejjez kontra s-socjeta’ ntimata.

**(iffirmat)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju